Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/255/PESK

tal-31 ta' Mejju 2013

dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

(ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/760/PESK tat-13 ta' Diċembru 2013	L 335	50	14.12.2013
►M2	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/74/PESK tal-10 ta' Frar 2014	L 40	63	11.2.2014
►M3	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/309/PESK tat-28 ta' Mejju 2014	L 160	37	29.5.2014
►M4	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/387/PESK tat-23 ta' Ġunju 2014	L 183	72	24.6.2014
►M5	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/488/PESK tat-22 ta' Lulju 2014	L 217	49	23.7.2014
►M6	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/678/PESK tas-26 ta' Settembru 2014	L 283	59	27.9.2014
►M7	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/730/PESK tal-20 ta' Ottubru 2014	L 301	36	21.10.2014
►M8	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/901/PESK tat-12 ta' Diċembru 2014	L 358	28	13.12.2014
►M9	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/117 tas-26 ta' Jannar 2015	L 20	85	27.1.2015
►M10	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/383 tas-6 ta' Marzu 2015	L 64	41	7.3.2015
►M11	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/784 tad-19 ta' Mejju 2015	L 124	13	20.5.2015
►M12	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/837 tat-28 ta' Mejju 2015	L 132	82	29.5.2015
►M13	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/973 tat-22 ta' Ġunju 2015	L 157	52	23.6.2015
►M14	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1836 tat-12 ta' Ottubru 2015	L 266	75	13.10.2015
►M15	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2359 tas-16 ta' Diċembru 2015	L 331	26	17.12.2015
►M16	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/850 tas-27 ta' Mejju 2016	L 141	125	28.5.2016
►M17	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1746 tad-29 ta' Settembru 2016	L 264	30	30.9.2016
►M18	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1897 tas-27 ta' Ottubru 2016	L 293	36	28.10.2016
►M19	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1985 tal-14 ta' Novembru 2016	L 305I	4	14.11.2016

►**M20**	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2000 tal-15 ta' Novembru 2016	L 308	20	16.11.2016
►**M21**	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2144 tas-6 ta' Diċembru 2016	L 332	22	7.12.2016

Kkoreġuta minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 305, 24.10.2014, p. 116 (2014/730/PESK)
►**C2** Emendi, Ġ.U. L 50, 21.2.2015, p. 48 (2014/488/PESK)
►**C3** Emendi, Ġ.U. L 67, 12.3.2015, p. 33 (2013/760/PESK)
►**C4** Emendi, Ġ.U. L 336, 10.12.2016, p. 42 (2015/1836)

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/255/PESK

tal-31 ta' Mejju 2013

dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

KAPITOLU I

RESTRIZZJONIJIET FUQ L-ESPORTAZZJONI U L-IMPORTAZZJONI

Artikolu 1

1. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' ċertu tagħmir, merċi u teknoloġija oħrajn li jistgħu jintużaw għar-repressjoni interna, jew għall-manifattura u l-manutenzjoni ta' prodotti li jistgħu jintużaw għal repressjoni interna, lis-Sirja minn ċittadini ta' Stati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru li jtajru l-bandiera tagħhom, huma pprojbiti, kemm jekk joriġinaw fit-territorji tagħhom kif ukoll jekk le.

L-Unjoni għandha tieħu il-miżuri neċċessarji sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom jiġu koperti b'dan il-paragrafu.

2. Għandu jiġi pprojbit:

(a) il-provvista, b'mod dirett jew indirett, ta' għajnuna teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 jew relatati mal-provvista, il-manifatturar, il-manutenzjoni u l-użu ta' tali oġġetti, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu, fis-Sirja;

(b) l-għoti, direct jew indirett, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawn l-oġġetti, jew għall-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu fis-Sirja.

▼M1

▼C3

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-provvista, it-trasport jew l-esportazzjoni ta' ċerti tagħmir, oġġetti u teknoloġija li jistgħu jintużaw għar-repressjoni interna jew għall-fabbrikazzjoni u manutenzjoni ta' prodotti li jistgħu jintużaw għar-repressjoni interna jew għall-forniment ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, fejn Stat Membru jiddetermina każ b'każ li dawn huma maħsuba għal:

(a) skopijiet alimentari, agrikoli, mediċi jew skopijiet umanitarji oħra, jew għall-benfiċċju tal-Persunal tan-NU, jew persunal tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha;

(b) attivitajiet imwettqa f'konformità mal-paragrafu 10 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 2118(2013) u d-deċiżjonijiet relatati tal-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW, b'mod konsistenti mal-għan tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħażna u l-Użu tal-Armi Kimiċi u l-Qerda tagħhom (Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi) u wara konsultazzjoni mal-OPCW.

▼B

Artikolu 2

1. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir, merċi jew teknoloġija għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 1(1) li jistgħu jintużaw għal repressjoni interna jew għall-manifattura u l-manutenzjoni ta' prodotti li jistgħu jintużaw għal repressjoni interna, lis-Sirja minn ċittadini tal-Istati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru li jtajru l-bandiera tagħhom, għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jesporta.

L-Unjoni għandha tieħu il-miżuri neċċessarji sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom jiġu koperti b'dan il-paragrafu.

2. L-għoti ta':

(a) assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 jew relatati mal-provvista, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawn l-oġġetti, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu fis-Sirja;

(b) finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawn l-oġġetti, jew għall-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu fis-Sirja,

għandu wkoll ikun soġġett għal awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jesporta.

Artikolu 3

1. Il-bejgħ, l-importazzjoni u t-trasport ta' armi u ta' materjal relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u partijiet ta' rikambju għal dawk imsemmijin hawn fuq, mis-Sirja jew li joriġinaw fis-Sirja, għandhom jiġu pprojbiti.

2. Huwa pprojbit l-għoti, direttament jew indirettament, ta' finanzjament jew ta' għajnuna finanzjarja, inklużi derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, u servizzi ta' senserija relatati mal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni, għal kwalunkwe xiri, importazzjoni jew trasport tal-oġġetti msemmijin fil-paragrafu 1, mis-Sirja jew li joriġinaw fis-Sirja.

▼M1

▼C3

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-importazzjoni jew it-trasport ta' armi kimiċi jew materjal relatat mis-Sirja jew li joriġinaw fis-Sirja, imwettqa skont il-paragrafu 10 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 2118(2013) u d-deċiżjonijiet relatati tal-Kunsill Eżekuttiv tal-OPCW, b'mod konsistenti mal-għan tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi.

▼B

Artikolu 4

Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir jew software intiż primarjament għal użu ta' monitoraġġ jew interċettazzjoni

▼B

mir-reġim Sirjan, jew f'ismu, tal-Internet u tal-komunikazzjoni bit-telefon fuq netwerks mobbli jew fissi fis-Sirja u l-provvediment ta' assistenza għall-installazzjoni, tħaddim jew aġġornament ta' tali tagħmir jew software għandhom jiġu pprojbiti.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti b'dan l-Artikolu.

Artikolu 5

1. Ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport mis-Sirja ta' żejt mhux maħdum u prodotti petroliferi huma pprojbiti.

2. Huwa pprojbit l-għoti, direttament jew indirettament, ta' finanzjament jew ta' għajnuna finanzjarja, inklużi derivattivi finanzjarji, kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-projbizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

▼M21

3. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għax-xiri jew it-trasport fis-Sirja ta' prodotti petrolifiċi jew għal finanzjament assoċjat jew assistenza finanzjarja minn korpi pubbliċi, jew minn persuni ġuridiċi jew entitajiet li jirċievu finanzjament pubbliku mill-Unjoni jew mill-Istati Membri sabiex jingħata sokkors umanitarju fis-Sirja jew biex tingħata assistenza lill-popolazzjoni ċivili fis-Sirja, dment li tali prodotti jinxtraw jew jiġu ttrasportati bil-għan waħdieni li jingħata sokkors umanitarju fis-Sirja jew li tingħata assistenza lill-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.

4. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għax-xiri jew it-trasport fis-Sirja ta' prodotti petrolifiċi minn missjonijiet diplomatiċi jew konsulari fejn tali prodotti jinxtraw jew jiġu ttrasportati għal finijiet uffiċjali tal-missjoni.

Artikolu 6

1. Bil-ħsieb li jgħinu lill-popolazzjoni ċivili tas-Sirja f'każijiet mhux koperti mill-Artikolu 5(3) u b'deroga mill-Artikolu 5(1) u (2), l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu, taħt it-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali u speċifiċi li huma jqisu xierqa, jawtorizzaw ix-xiri u t-trasport fis-Sirja ta' prodotti petrolifiċi u l-għoti ta' finanzjament assoċjat jew assistenza finanzjarja dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-attivitajiet ikkonċernati għandhom l-għan waħdieni li jipprovdu sokkors umanitarju fis-Sirja jew assistenza lill-popolazzjoni ċivili fis-Sirja; u

(b) l-attivitajiet ikkonċernati ma jiksru l-ebda projbizzjoni stipulata f'din id-Deċiżjoni.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan l-Artikolu fi żmien ġimagħtejn minn meta tingħata kwalunkwe awtorizzazzjoni. Għal awtorizzazzjoni mogħtija taħt il-paragrafu 1, innotifika għandu jkun fiha dettalji dwar id-dħul awtorizzat u dwar l-attivitajiet umanitarji fis-Sirja.

▼B

Artikolu 7

Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 5 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni, sal-15 ta' Novembru 2011, ta' obbligi previsti f'kuntratti konklużi qabel it-2 ta' Settembru 2011.

▼M8

Artikolu 7a

1. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' karburant tal-avjazzjoni u addittivi formulati speċifikament għall-karburant tal-avjazzjoni lis-Sirja minn ċittadini tal-Istati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri, jew bl-użu tal-bastimenti jew l-inġenji tal-ajru bil-bandiera tagħhom, għandu jkun ipprojbit, sew jekk joriġina fit-territorji tagħhom sew jekk le.

2. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, dirett jew indirett, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja, kif ukoll l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni jew servizzi ta' senserija, marbuta ma' kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' karburant tal-avjazzjoni u addittivi kif imsemmi fil-paragrafu 1.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' karburant tal-avjazzjoni u addittivi lis-Sirja jew il-forniment, dirett jew indirett, ta' finanzjament, assistenza finanzjarja, assigurazzjoni, riassigurazzjoni jew servizzi ta' senserija, neċessarji għall-użu min-Nazzjonijiet Uniti jew korpi li jaġixxu f'isimha għal skopijiet umanitarji bħall-għoti jew il-faċilitazzjoni tal-għoti tal-assistenza, inklużi provvisti mediċinali, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għall-evakwazzjonijiet mis-Sirja jew fis-Sirja.

4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-karburant tal-avjazzjoni u addittivi użati esklużivament mill-inġenji tal-ajru ċivili mhux Sirjani li jinżlu fis-Sirja, sakemm dawn huma intiżi jew użati biss għall-finijiet li l-ajruplan mgħobbi bihom ikompli f'titjirtu.

5. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-elementi rilevanti li għandhom ikunu koperti b'dan l-Artikolu.

▼B

Artikolu 8

1. Il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment ta' apparat jew teknoloġija prinċipali għas-setturi ewlenija li ġejjin taż-żejt u tal-industrija tal-gass naturali fis-Sirja, jew għas-Sirjani jew ta' intrapriżi b'sjieda Sirjana involuti f'dawk is-setturi barra mis-Sirja, minn ċittadini nazzjonali tal-Istati Membri, jew minn territorji tal-Istati Membri, jew jużaw bastimenti jew vetturi ta' l-ajru taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stati Membri għandhom jiġu projbiti jekk joriġinaw jew anke jekk ma joriġinawx fit-territorji tagħhom:

(a) raffinar;

(b) gass naturali likwifikat;

(c) esplorazzjoni;

(d) produzzjoni.

L-Unjoni għandha tieħu il-miżuri neċċessarji sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom jiġu koperti b'dan il-paragrafu.

▼B

2. Għandu jiġi projbit il-provvediment ta' dan li ġej, lill-intrapriżi Sirjani li huma involuti f'setturi importanti tal-industrija Sirjana taż-żejt u tal-gass imsemmija fil-paragrafu 1 jew ta' Sirjani, jew ta' intrapriżi b'sjieda Sirjana involuti f'dawk is-setturi barra mis-Sirja:

(a) assistenza teknika jew taħriġ u servizzi oħra relatati mat-tagħmir u t-teknoloġija prinċipali kif imsemmija fil-paragrafu 1;

(b) l-iffinanzjar jew l-assistenza finanzjarja ta' kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' tagħmir u teknoloġija prinċipali kif imniżżla fil-paragrafu 1 jew għal provediment ta' assistenza teknoloġika relatata jew taħriġ.

Artikolu 9

1. Il-projbizzjoni fl-Artikolu 8(1) għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' obbligu relatat mal-wasla ta' oġġetti provduti f'kuntratti mogħtija jew konklużi qabel l-1 ta' Diċembru 2011.

2. Il-projbizzjonijiet fl-Artiklu 8 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' l-obbligi li joħorġu minn kuntratti mogħtija jew konklużi qabel l-1 ta' Diċembru 2011 u relatati ma' investimenti magħmula fis-Sirja qabel it-23 ta' Settembru 2011 minn intrapriżi stabbiliti fl-Istati Membri.

Artikolu 10

Bil-ħsieb li tingħata l-għajnuna lill-popolazzjoni ċivili tas-Sirja, b'mod partikolari biex jiġi indirizzat it-tħassib umanitarju, ir-ritorn għall-ħajja normali, jiġu appoġġati s-servizzi bażiċi, ir-rikostruzzjoni, u r-restawr tal-attività ekonomika normali jew finijiet ċivili oħrajn u b'deroga mill-Artikolu 8(1) u (2), l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment u t-trasferiment ta' tagħmir u teknoloġija ewlenija għas-setturi ewlenin tal-industrija taż-żejt u tal-gass naturali fis-Sirja msemmija fl-Artikolu 8(1), jew għall-intrapriżi Sirjani jew ta' proprjetà Sirjana involuti f'dawk is-setturi barra mir-Sirja u l-forniment ta' assistenza teknika jew taħriġ relatat u servizzi oħrajn, kif ukoll finanzjament u assistenza finanzjarja, dment li jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-Koalizzjoni Nazzjonali Sirjana għall-Forzi Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni tkun ġiet ikkonsultata minn qabel mill-Istat Membru kkonċernat;

(b) l-attivitajiet ikkonċernati mhumiex direttament jew indirettament għall-benefiċċju ta' persuna jew entità msemmija fl-Artikolu 28(1); u

(c) l-attivitajiet ikkonċernati ma jiksru l-ebda projbizzjoni stabbilita f'din id-Deċiżjoni.

L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn b'kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu.

▼B

Artikolu 11

Il-konsenja tal-karti tal-flus u muniti denominati Sirjani lill-Bank Ċentrali tas-Sirja għandha tiġi pprojbita.

Artikolu 12

Huma pprojbiti l-bejgħ, ix-xiri, it-trasport jew is-senserija diretti jew indiretti ta' deheb jew metalli prezzjuż, kif ukoll djamanti, lil, minn jew għall-Gvern tas-Sirja, il-korpi, il-korporazzjonijiet u l-aġenziji pubbliċi tiegħu, il-Bank Ċentrali tas-Sirja, kif ukoll lil, minn jew għal persuni u entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew b'ordni mingħandhom, jew entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti b'dan l-Artikolu.

Artikolu 13

Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' merċi ta' lussu lis-Sirja minn ċittadini tal-Istati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru li jtajru l-bandiera tagħhom, huma pprojbiti, kemm jekk joriġinaw fit-territorji tagħhom kif ukoll jekk le.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti b'dan l-Artikolu.

▼M12

Artikolu 13a

Għandhom ikunu projbiti l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-trasferiment jew in-negozjar fil-proprjetà kulturali u oġġetti oħra ta' importanza arkeoloġika, storika, kulturali, ta' rarità xjentifika, u reliġjuża, li jkunu tneħħew illegalment mis-Sirja, jew jeżisti suspett raġonevoli li tneħħew illegalment mis-Sirja, fi jew wara l-15 ta' Marzu 2011. Il-projbizzjoni m'għandhiex tapplika jekk jintwera li l-oġġetti kulturali qed jiġu ritornati b'sikurezza lis-sidien leġittimi tagħhom fis-Sirja.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti b'dan l-Artikolu.

▼B

KAPITOLU II

RESTRIZZJONIJIET FUQ FINANZJAMENT TA' ĊERTI INTRAPRIŻI

Artikolu 14

Li ġej għandu jiġi projbit:

(a) l-għoti ta' kwalunkwe self finanzjarju jew kreditu lil intrapriżi fis-Sirja li huma involuti fl-industrija Sirjana taż-żejt fis-setturi tal-esplorazzjoni, il-produzzjoni jew ir-raffinar, jew lil intrapriżi Sirjani jew bi sjieda Sirjana involuti f'dawk is-setturi barra mis-Sirja;

(b) l-għoti ta' kwalunkwe self finanzjarju jew kreditu lil intrapriżi fis-Sirja li huma involuti fil-kostruzzjoni ta' stallazzjonijiet ġodda li jipproduċu l-enerġija eletrika fis-Sirja;

▼B

(c) l-akkwist jew l-estensjoni ta’ parteċipazzjoni f’intrapriżi fis-Sirja li huma involuti fl-industrija Sirjana taż-żejt fis-setturi tal-esplorazzjoni, il-produzzjoni jew ir-raffinar, jew f’intrapriżi Sirjani jew bi sjieda Sirjana li huma involuti f’dawk is-setturi barra mis-Sirja, inkluż l-akkwist b’mod sħiħ ta’ tali intrapriżi u l-akkwist ta’ ishma jew ta’ titoli ta’ natura parteċipattiva;

(d) l-akkwist jew l-estensjoni ta’ parteċipazzjoni f’intrapriżi fis-Sirja li huma involuti fil-kostruzzjoni ta' stallazzjonijiet ġodda li jipproduċu l-enerġija elettrika fis-Sirja, inkluż l-akkwist b’mod sħiħ ta’ tali intrapriżi u l-akkwist ta’ ishma jew ta’ titoli ta’ natura parteċipattiva;

(e) il-ħolqien ta’ kwalunkwe impriża konġunta ma’ intrapriżi fis-Sirja li huma involuti fl-industrija Sirjana taż-żejt fis-setturi tal-esplorazzjoni, il-produzzjoni jew ir-raffinar u ma’ kwalunkwe sussidjarja jew affiljat taħt il-kontroll tagħhom;

(f) il-ħolqien ta' kwalunkwe joint venture ma' intrapriżi fis-Sirja li huma involuti fil-kostruzzjoni ta' stallazzjonijiet ġodda li jipproduċu l-enerġija elettrika fis-Sirja u ma' kwalunkwe sussidjarja jew affiljat taħt il-kontroll tagħhom.

Artikolu 15

1. Il-projbizzjonijiet imniżżla fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 14:

(i) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratti jew ftehimiet konklużi qabel it-23 ta' Settembru 2011;

(ii) m'għandhomx iwaqqfu l-estensjoni ta' parteċipazzjoni, jekk tali estensjoni hija obbligu taħt ftehim konkluż qabel it-23 ta' Settembru 2011.

2. Il-projbizzjonijiet imniżżla fil-punti (b) u (d) tal-Artikolu 14:

(i) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratti jew ftehimiet konklużi qabel l-1 ta' Diċembru 2011;

(ii) m'għandhomx jipprevjenu l-estensjoni ta' parteċipazzjoni, jekk tali estensjoni hija obbligu taħt ftehim konkluż qabel l-1 ta' Diċembru 2011.

Artikolu 16

Bil-għan li tingħata l-għajnuna lill-popolazzjoni ċivili tas-Sirja, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati kwistjonijiet umanitarji, terġa' tinkiseb il-ħajja normali, jinżammu s-servizzi bażiċi, ir-rikostruzzjoni, u r-ritorn tal-attività ekonomika normali jew finijiet ċivili oħrajn u b'deroga mill-punti (a), (c) u (e) tal-Artikolu 14, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw l-għoti ta' kwalunkwe self finanzjarju jew kreditu jew l-akkwist jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni f'impriżi fis-Sirja li huma involuti fis-setturi tal-industrija taż-żejt Sirjana tal-esplorazzjoni, il-produzzjoni jew ir-raffinar, jew impriżi Sirjani jew ta' proprjetà Sirjana involuti f'dawk is-setturi barra mis-Sirja, jew il-ħolqien ta' kwalunkwe intrapriża bi sħab ma' impriżi fis-Sirja li huma involuti fis-setturi tal-industrija taż-żejt Sirjana tal-esplorazzjoni, il-produzzjoni jew ir-raffinar u ma' kwalunkwe sussidjarju jew affiljat taħt il-kontroll tagħhom, dment li jkunu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

▼B

(a) il-Koalizzjoni Nazzjonali Sirjana tal-Forzi Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni tkun ġiet ikkonsultata minn qabel mill-Istat Membru kkonċernat;

(b) l-attivitajiet ikkonċernati mhumiex direttament jew indirettament għall-benefiċċju ta' persuna jew entità msemmija fl-Artikolu 28(1); u

(c) l-attivitajiet ikkonċernati ma jiksru l-ebda projbizzjoni stabbilita f'din id-Deċiżjoni.

L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn b'kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu.

KAPITOLU III

RESTRIZZJONIJIET FUQ PROĠETTI INFRASTRUTTURALI

Artikolu 17

1. Parteċipazzjoni fil-kostruzzjoni ta' stallazzjonijiet ġodda li jipproduċu l-enerġija elettrika fis-Sirja.

2. Għandu jiġi pprojbit il-provvediment ta' assistenza teknika jew finanzjament jew assistenza finanzjarja għall-kostruzzjoni ta' stallazzjonijiet ġodda li jipproduċu l-enerġija elettrika fis-Sirja.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' obbligi li jirriżultaw minn kuntratti jew ftehimiet konklużi qabel l-1 ta' Diċembru 2011.

KAPITOLU IV

RESTRIZZJONIJIET FUQ SOSTENN FINANZJARJU GĦALL-KUMMERĊ

Artikolu 18

1. L-Istati Membri għandhom jeżerċitaw trażżin fid-dħul ta' impenji ġodda fuq terminu qasir u medju għal sostenn finanzjarju pprovdut b'mod pubbliku u privat għall-kummerċ mas-Sirja, inkluż l-għoti ta' krediti ta' esportazzjoni, garanziji jew assigurazzjoni, liċ-ċittadini jew l-entitajiet tagħhom involuti f'tali kummerċ, bil-ħsieb li jitnaqqsu l-ammonti pendenti tagħhom, b'mod partikolari biex jiġi evitat kwalunkwe sostenn finanzjarju li jikkontribwixxi għar-ripressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Barra minn hekk, l-Istati Membri m'għandhomx jidħlu f'impenji ġodda fuq terminu twil għal sostenn finanzjarju pprovdut b'mod pubbliku u privat għall-kummerċ mas-Sirja.

2. Il-Paragrafu 1 m'għandux jaffettwa l-impenji stabbiliti qabel l-1 ta' Diċembru 2011.

3. Il-Paragrafu 1 m'għandux jikkonċerna kummerċ għal finijiet alimentari, agrikoli, mediċi jew finijiet oħra umanitarji.

KAPITOLU V

SETTUR FINANZJARJU

Artikolu 19

L-Istati Membri m'għandhomx jidħlu f'impenji ġodda għal għotjiet, assistenza finanzjarja jew self aġevolanti lill-Gvern tas-Sirja, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom f'istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, ħlief għal finijiet umanitarji u ta' żvilupp.

▼B

Artikolu 20

Li ġej għandu jiġi pprojbit:

(a) kwalunkwe ħruġ ta' flus jew pagament mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) taħt jew f'konnessjoni ma' kwalunkwe ftehim ta' self eżistenti li daħlu għalih bejniethom is-Sirja u l-BEI;

(b) il-kontinwazzjoni mill-BEI ta' kwalunkwe Kuntratt eżistenti dwar Servizz ta' Assistenza Teknika għal proġetti sovrani li qegħdin fis-Sirja.

Artikolu 21

Li ġej għandu jiġi pprojbit: il-bejgħ jew ix-xiri dirett jew indirett, jew is-senserija jew l-assistenza fil-ħruġ ta' bonds Sirjani pubbliċi jew iggarantiti mill-awtoritajiet pubbliċi maħruġa wara l-1 ta' Diċembru 2011 lil u mill-Gvern tas-Sirja, il-korpi, il-korporazzjonijiet u l-aġenziji pubbliċi tiegħu, il-Bank Ċentrali tas-Sirja jew banek domiċiljati fis-Sirja, jew fergħat u sussidjarji fi u barra l-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri ta' banek domiċiljati fis-Sirja, jew entitajiet finanzjarji li la huma domiċiljati fis-Sirja u lanqas ma huma fil-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, iżda huma kkontrollati minn persuni u entitajiet domiċiljati fis-Sirja kif ukoll kwalunkwe persuni u entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom.

Artikolu 22

1. Il-ftuħ ta' fergħat ġodda, sussidjarji, jew uffiċċji ta' rappreżentanza ta' banek Sirjani fit-territorji tal-Istati Membri, u l-istabbiliment ta' impriżi konġunti ġodda, jew it-teħid ta' interess ta' sjieda fi, jew l-istabbiliment ta' relazzjonijiet ġodda bankarji korrispondenti minn banek Sirjani, inkluż il-Bank Ċentrali tas-Sirja, il-fergħat u sussidjarji tiegħu u entitajiet finanzjarji li mhumiex domiċiljati fis-Sirja, iżda huma kkontrollati minn persuni jew entitajiet domiċiljati fis-Sirja, ma' banek fil-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, għandhom ikunu pprojbiti.

2. L-istituzzjonijiet finanzjarji fit-territorji tal-Istati Membri jew taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom għandhom ikunu pprojbiti milli jiftħu uffiċċji ta' rappreżentanza, sussidjarji jew kontijiet bankarji fis-Sirja.

Artikolu 23

Bil-għan li tingħata l-għajnuna lill-popolazzjoni ċivili tas-Sirja, b'mod partikolari biex jiġu indirizzati kwistjonijiet umanitarji, terġa' tinkiseb il-ħajja normali, jinżammu s-servizzi bażiċi, ir-rikostruzzjoni, u r-ritorn tal-attività ekonomika normali jew finijiet ċivili oħrajn u b'deroga mill-Artikolu 22(2), l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw istituzzjonijiet finanzjarji fit-territorji tal-Istati Membri jew taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom sabiex jiftħu uffiċċji ta' rappreżentanza, sussidjarji jew kontijiet bankarji fis-Sirja, sakemm jiġu rispettati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-Koalizzjoni Nazzjonali Sirjana tal-Forzi Rivoluzzjonarji u tal-Oppożizzjoni tkun ġiet ikkonsultata minn qabel mill-Istat Membru kkonċernat;

▼B

(b) l-attivitajiet ikkonċernati mhumiex direttament jew indirettament għall-benefiċċju ta' persuna jew entità msemmija fl-Artikolu 28(1); u

(c) l-attivitajiet ikkonċernati ma jiksru l-ebda projbizzjoni stipulata f'din id-Deċiżjoni.

L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn b'kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu.

Artikolu 24

1. Il-provvediment ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni lill-Gvern tas-Sirja, lill-korpi pubbliċi tiegħu, lill-korporazzjonijiet u lill-aġenziji jew lil kwalunkwe persuna jew entità li taġixxi f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew lill-entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom, inklużi permezz ta' mezzi illeċiti, għandu jiġi pprojbit.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għall-provvediment ta':

(a) assigurazzjonijiet tas-saħħa jew tal-ivvjaġġar għal persuni fiżiċi;

(b) assigurazzjoni obbligatorja jew għar-responsabbiltà ċivili lil persuni, entitajiet jew korpi Sirjani bbażati fl-Unjoni;

(c) assigurazzjoni jew riassigurazzjoni lill-proprjetarju ta' bastiment, inġenju tal-ajru jew vettura mikrija għal użu speċifiku minn persuna, entità jew korp Sirjan u li dik il-persuna, entità jew korp mhumiex elenkati fl-Anness I jew II.

KAPITOLU VI

SETTUR TAT-TRASPORT

Artikolu 25

1. L-Istati Membri, skont il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom u b'mod konsistenti mal-liġi internazzjonali, partikolarment ma' ftehimiet internazzjonali rilevanti dwar l-avjazzjoni ċivili, għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu l-aċċess għall-ajruporti taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom tat-titjiriet kollha esklussivi tal-merkanzija operati minn trasportaturi Sirjani u t-titjiriet kollha operati mis-Syrian Arab Airlines.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għall-aċċess għall-ajruporti skont il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri tat-titjiriet operati mis-Syrian Arab Airlines, meħtieġa unikament biex iċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom jiġu evakwati mis-Sirja.

Artikolu 26

1. Jekk l-Istati Membri ikollhom informazzjoni li tipprovdi raġunijiet raġonevoli sabiex jemmnu li l-merkanzija ta' bastimenti u inġenji tal-ajru sejrin lejn is-Sirja tinkludi oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti taħt l-Artikolu 1 jew soġġetti għall-awtorizzazzjoni taħt l-Artikolu 2, huma għandhom, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, u b'mod konsistenti mal-liġi internazzjonali, b'mod partikolari l-liġi tal-baħar u ftehimiet internazzjonali rilevanti dwar l-avjazzjoni ċivili, u ftehimiet dwar it-trasport

▼B

marittimu, jispezzjonaw tali bastimenti fil-portijiet u l-ajruporti tagħhom, kif ukoll fil-ibħra territorjali tagħhom, skont id-deċiżjonijiet u l-kapaċitajiet tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom u bil-kunsens, kif meħtieġ skont id-dritt internazzjonali għall-ibħra territorjali, tal-Istat tal-bandiera.

2. L-Istati Membri, skont il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom u b'mod konsistenti mad-dritt internazzjonali, għandhom, malli jiskopruhom, jissekwestraw u jiddisponu minn dawk l-oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti taħt l-Artikolu 1 jew 2.

3. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, mal-ispezzjonijiet u d-disponimenti li jsiru skont il-paragrafi 1 u 2.

4. L-inġenji tal-ajru u l-bastimenti li jittrasportaw merkanzija lejn is-Sirja għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżit ta' informazzjoni addizzjonali ta' qabel il-wasla jew it-tluq tal-merkanzija kollha li tiddaħħal fi Stat Membru jew toħroġ minnu.

KAPITOLU VII

RESTRIZZJONIJIET FUQ L-AMMISSJONI

▼M14

Artikolu 27

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jimpedixxu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-transitu minnhom, tal-persuni responsabbli mir-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja, ta' persuni li jibbenefikaw minn jew li jappoġġaw ir-reġim, u ta' persuni assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness I.

2. Skont il-valutazzjonijiet u d-determinazzjonijiet magħmula mill-Kunsill fil-kuntest tas-sitwazzjoni fis-Sirja kif stipulat fil-Premessi (5) sa (11), l-Istati Membri għandhom ukoll jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu d-dħul fi, jew it-transitu mit-territorji tagħhom ta':

(a) negozjanti ewlenin li joperaw fis-Sirja;

(b) membri tal-familji Assad jew Makhlouf;

(c) Ministri tal-Gvern Sirjan fis-setgħa wara Mejju 2011;

(d) membri tal-Forzi Armati Sirjani fil-grad ta' "kurunell" u l-ekwivalenti jew ogħla fil-kariga wara Mejju 2011;

(e) membri tas-servizzi Sirjani ta' sigurtà u ta' intelligence fil-kariga wara Mejju 2011;

(f) membri tal-milizzji affiljati mar-reġim; jew

(g) persuni li joperaw fis-settur tal-proliferazzjoni ta' armi kimiċi,

u persuni assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness I.

▼**M14**

3. Persuni f'xi waħda mill-kategoriji msemmija fil-paragrafu 2 m'għandhomx jiġu inklużi jew miżmuma fuq il-lista ta' persuni u entitajiet fl-Anness I jekk hemm biżżejjed informazzjoni li m'humiex, jew m'għadhomx, assoċjati mar-reġim jew ma jeżerċitawx influwenza fuqu jew ma joħolqux riskju reali ta' ċirkomvenzjoni.

4. Id-deċiżjonijiet kollha dwar l-elenkar għandhom isiru fuq bażi individwali u skont il-każ b'kont meħud tal-proporzjonalità tal-miżura.

5. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jobbligaw lil Stat Membru jirrifjuta d-dħul taċ-ċittadini tiegħu stess fit-territorju tiegħu.

6. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru jkun marbut b'obbligu taħt id-dritt internazzjonali, jiġifieri:

(a) bħala pajjiż ospitanti għal organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;

(b) bħala pajjiż ospitanti għal konferenza internazzjonali msejħa min-NU, jew taħt l-awspiċju tagħha;

(c) taħt ftehim multilaterali li jikkonferixxi privileġġi u immunitajiet; jew

(d) taħt it-Trattat ta' Konċiljazzjoni tal-1929 (il-Patt Lateran) konkluż mis-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

7. Il-paragrafu 6 għandu jiġi kkunsidrat bħala li japplika wkoll f'każijiet fejn Stat Membru jkun pajjiż ospitanti għall-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

8. Il-Kunsill għandu jkun infurmat debitament fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skont il-paragrafu 6 jew 7.

9. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti taħt il-paragrafi 1 u 2 fejn l-ivvjaġġar ikun ġustifikat minħabba ħtieġa umanitarja urġenti, jew minħabba attendenza f'laqgħat intergovernattivi, inklużi dawk promossi mill-Unjoni, jew ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Presidenza tal-OSKE, fejn isir djalogu politiku li jippromwovi direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt fis-Sirja.

10. Stat Membru li jixtieq jagħti l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 9 għandu jinnotifika lill-Kunsill bil-miktub. L-eżenzjoni għandha titqies bħala mogħtija sakemm Membru wieħed jew aktar tal-Kunsill ma joġġezzjonax bil-miktub fi żmien jumejn ta' xogħol minn meta tasal innotifika tal-eżenzjoni proposta. Fil-każ li membru wieħed jew aktar tal-Kunsill joġġezzjonaw, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

11. Fejn, skont il-paragrafi 6 sa10, Stat Membru jawtorizza d-dħul fit-territorju tiegħu, jew it-transitu minnu, tal-persuni elenkati fl-Anness I, l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-fini li għalih tkun ingħatat u għall-persuna kkonċernata minnha.

▼B

KAPITOLU VIII

IFFRIŻAR TA' FONDI U RIŻORSI EKONOMIĊI

▼M14

Artikolu 28

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, jew huma proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati minn persuni responsabbli mir-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja, persuni u entitajiet li jibbenefikaw minn jew li jappoġġaw ir-reġim, u persuni u entitajiet assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Annessi I u II, għandhom jiġu ffriżati.

2. Skont il-valutazzjonijiet u d-determinazzjonijiet magħmula mill-Kunsill fil-kuntest tas-sitwazzjoni fis-Sirja kif stipulat fil-Premessi (5) sa (11), il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, jew huma proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati minn:

(a) negozjanti ewlenin li joperaw fis-Sirja;

(b) membri tal-familji Assad jew Makhlouf;

(c) Ministri tal-Gvern Sirjan fis-setgħa wara Mejju 2011;

(d) membri tal-Forzi Armati Sirjani fil-grad ta' "kurunell" u l-ekwivalenti jew ogħla fil-kariga wara Mejju 2011;

(e) membri tas-servizzi Sirjani ta' sigurtà u ta' intelligence fil-kariga wara Mejju 2011;

(f) membri tal-milizzji affiljati mar-reġim; jew

▼C4

(g) membri ta' entitajiet, unitajiet, aġenziji, korpi jew istituzzjonijiet li joperaw fis-settur tal-proliferazzjoni ta' armi kimiċi,

u persuni u entitajiet assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness I, għandhom jiġu ffriżati.

▼M14

3. Persuni, entitajiet jew korpi f'xi waħda mill-kategoriji msemmija fil-paragrafu 2 m'għandhomx jiġu inklużi jew miżmuma fuq il-lista ta' persuni u entitajiet fl-Anness I jekk hemm biżżejjed informazzjoni li huma m'humiex, jew m'għadhomx, assoċjati mar-reġim jew ma jeżerċitawx influwenza fuqu jew ma joħolqux riskju reali ta' ċirkomvenzjoni.

4. Id-deċiżjonijiet kollha dwar l-elenkar għandhom isiru fuq bażi individwali u skont il-każ b'kont meħud tal-proporzjonalità tal-miżura.

5. L-ebda fond jew riżorsa ekonomika m'għandha ssir disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għall-benefiċċju tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew entitajiet elenkati fl-Annessi I u II.

6. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tawtorizza r-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew li ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, taħt tali kondizzjonijiet li hi tikkunsidra adatti, wara li tkun iddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma:

▼M14

(a) meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Annessi I u II u l-membri tal-familja dipendenti minnhom, inklużi pagamenti għal oġġetti tal-ikel, kera jew ipoteki, mediċini u trattament mediku, taxxi, primjums tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklużivament għall-pagament ta' onorarji professjonali raġjonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż li huma assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;

(c) maħsuba esklużivament għall-pagament ta' tariffi jew imposti ta' servizzi għaż-żamma jew il-manutenzjoni regolari ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati; jew

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti tkun innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tikkunsidra li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, mill-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni;

▼M21

_____

▼M14

(f) destinati sabiex jitħallsu fi, jew jinħarġu minn, kont ta' missjoni diplomatika jew konsulari jew ta' organizzazzjoni internazzjonali li tgawdi immunitajiet skont id-dritt internazzjonali, safejn tali pagamenti jkunu maħsubin biex jintużaw għal finijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika jew konsulari jew tal-organizzazzjoni internazzjonali;

(g) meħtieġa għall-evakwazzjonijiet mis-Sirja;

(h) maħsuba għall-Bank Ċentrali tas-Sirja jew għal entitajiet li huma l-proprjetà tal-Istat Sirjan, kif elenkati fl-Annessi I u II, biex jagħmlu ħlasijiet f'isem ir-Repubblika Għarbija Sirjana lill-OPCW għal attivitajiet relatati mal-missjoni ta' verifika tal-OPCW u mal-qerda ta' armi kimiċi Sirjani, u partikolarment lill-Fond Fiduċjarju Speċjali Sirjan tal-OPCW għal attivitajiet relatati mal-qerda totali ta' armi kimiċi Sirjani barra t-territorju tar-Repubblika Għarbija Sirjana.

Stat Membru għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li jagħti taħt dan il-paragrafu.

7. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, sakemm jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma s-suġġett ta' deċiżjoni arbitrali meħuda qabel id-data li fiha l-persuna jew l-entità msemmija fil-paragrafu 1 jew 2 tkun ġiet elenkata fl-Anness I jew II, jew ta'

▼M14

deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva mogħtija fl-Unjoni, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ser jintużaw esklużivament sabiex jintlaħqu l-pretensjonijiet iggarantiti minn tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fil-limiti stabbiliti minn liġijiet u regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom tali pretensjonijiet;

(c) id-deċiżjoni mhijiex għall-benefiċċju ta' persuna jew entità elenkata fl-Anness I jew II; u

(d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jmurx kontra l-ordni pubbliku fl-Istat Membru kkonċernat.

Stat Membru għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu.

8. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jipprevjenu persuna jew entità dejjinata milli tagħmel pagament dovut taħt kuntratt li daħal fis-seħħ qabel l-elenkar ta' tali persuna jew entità, bil-kondizzjoni li l-Istat Membru rilevanti jkun iddetermina li l-pagament ma jiġix riċevut direttament jew indirettament minn persuna jew entità msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

9. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jipprevjenu entità dejjinata elenkata fl-Anness II, għal perijodu ta' xahrejn wara d-data tad-dejjinjazzjoni tagħha, milli tagħmel pagament minn fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati rċevuti minn tali entità wara d-data tad-dejjinjazzjoni tagħha, fejn tali pagament huwa dovut taħt kuntratt b'rabta mal-finanzjament ta' kummerċ, bil-kondizzjoni li l-Istat Membru rilevanti jkun iddetermina li l-pagament ma jiġix irċevut direttament jew indirettament minn persuna jew entità msemmija fil-paragrafu 1 jew 2.

10. Il-paragrafu5 m'għandux japplika għaż-żieda ma' kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) pagamenti dovuti skont kuntratti, ftehimiet jew obbligi li kienu ġew konklużi jew inħolqu qabel id-data li fiha dawn il-kontijiet saru soġġetti għal din id-Deċiżjoni,

bil-kondizzjoni li kwalunkwe imgħax, dħul u pagamenti oħrajn bħal dawn jibqgħu soġġetti għall-paragrafi 1 u 2.

11. Il-paragrafi 1, 2 u 5 m'għandhomx japplikaw għal trasferiment minn jew permezz tal-Bank Ċentrali tas-Sirja ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi rċevuti u ffriżati wara d-data tad-dejjinjazzjoni tiegħu jew għal trasferiment ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi għal jew permezz tal-Bank Ċentrali tas-Sirja wara d-data tad-dejjinjazzjoni tiegħu fejn tali trasferiment ikun marbut ma' ħlas minn istituzzjoni finanzjarja mhux dejjinjata li jkun dovut b'konnessjoni ma' kuntratt ta' kummerċ speċifiku, dment li l-Istat Membru rilevanti jkun iddetermina, skont il-każ, li l-ħlas mhuwiex direttament jew indirettament irċevut minn persuna jew entità msemmija fil-paragrafu 1 jew 2.

▼**M14**

12. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għal trasferiment li jsir minn jew permezz tal-Bank Ċentrali tas-Sirja ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati fejn tali trasferiment ikun biex jipprovdi likwidità għall-finanzjament tal-kummerċ lill-istituzzjonijiet finanzjarji taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, dment li t-trasferiment ikun ġie awtorizzat mill-Istat Membru rilevanti.

13. Il-paragrafi 1, 2 u5 m'għandhomx japplikaw għal trasferiment, minn jew permezz ta' entità finanzjarja elenkata fl-Anness I jew II, ta' fondi ffriżati jew riżorsi ekonomiċi fejn it-trasferiment ikun relatat ma' ħlas minn persuna jew entità mhux elenkata fl-Anness I jew II b'rabta mal-għoti ta' appoġġ finanzjarju għaċ-ċittadini Sirjani li jkunu qed isegwu edukazzjoni, taħriġ professjonali jew ikunu impenjati f'riċerka akkademika fl-Unjoni, dment li l-Istat Membru rilevanti jkun iddetermina, skont il-każ, li l-ħlas ma jiġix irċevut direttament jew indirettament minn persuna jew entità msemmija f'paragrafu 1 jew 2.

14. Il-paragrafi 1, 2 u 5 m'għandhomx japplikaw għal atti jew transazzjonijiet imwettqin, fir-rigward tas-Syrian Arab Airlines, unikament biex iċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom jiġu evakwati mis-Sirja.

15. Il-paragrafi 1, 2 u5 m'għandhomx japplikaw għat-trasferiment minn jew permezz tal-Bank Kummerċjali tas-Sirja ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi rċevuti minn barra l-Unjoni u ffriżati wara d-data tad-dħul fis-seħħ jew għal trasferiment ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi għal jew permezz tal-Bank Kummerċjali tas-Sirja wara d-data tad-dħul fis-seħħ fejn tali trasferiment ikun marbut ma' ħlas minn istituzzjoni finanzjarja mhux dħul fis-seħħ jew dħul fis-seħħ li jkun dovut b'konnessjoni ma' kuntratt ta' kummerċ speċifiku għal provvisti mediċi, ikel, kenn, miżuri sanitarji jew iġjeniċi għal użu ċivili, dment li l-Istat Membru rilevanti jkun iddetermina, skont il-każ, li l-ħlas mhuwiex direttament jew indirettament irċevut minn persuna jew entità msemmija fil-paragrafu 1 jew 2.

▼**M21**

Artikolu 28a

1. Il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 28(5) ma għandhiex tapplika għal fondi jew riżorsi ekonomiċi li jkunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi u l-entitajiet elenkati fl-Annessi I u II minn korpi pubbliċi, jew minn persuni ġuridiċi jew entitajiet li jirċievu finanzjament pubbliku biex jingħata sokkors umanitarju fis-Sirja jew biex tingħata assistenza lill-popolazzjoni ċivili fis-Sirja, fejn l-għoti ta' tali fondi jew riżorsi ekonomiċi hija f'konformità mal-Artikolu 5(3).

2. F'każijiet mhux koperti mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u b'deroga mill-Artikolu 28(5), l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, taħt it-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali u speċifiċi li huma jqisu xierqa, wara li jkunu iddeterminaw li t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati huwa neċessarju għall-għan waħdieni li jingħata sokkors umanitarju fis-Sirja jew assistenza lill-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.

3. Il-projbizzjoni fl-Artikolu 28(5) ma għandhiex tapplika għal fondi jew riżorsi ekonomiċi li tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew tal-entitajiet elenkati fl-Annessi I u II minn missjonijiet diplomatiċi jew konsulari fejn l-għoti ta' tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huwa f'konformità mal-Artikolu 5(4).

▼M21

4. B'deroga mill-Artikoli 28(1) u 28(2), l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, taħt it-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali u speċifiċi li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma meħtieġa għall-għan waħdieni li jingħata sokkors umanitarju fis-Sirja jew assistenza lill-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi għandhom jiġu rilaxxati lin-NU bil-għan li jwasslu jew li jiffaċilitaw l-għoti tal-assistenza fis-Sirja skont il-Pjan ta' Risposta Umanitarja fis-Sirja jew kwalunkwe pjan suċċessur ikkoordinat min-NU.

5. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 2 u 4 fi żmien ġimagħtejn mill-għoti ta' kwalunkwe awtorizzazzjoni.

▼B

KAPITOLU IX

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 29

L-ebda pretensjoni, inkluża dik għal kumpens jew indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni ta' tpaċija, multi jew pretensjoni koperta minn garanzija, pretensjonijiet għal estensjoni jew pagament ta' bond, garanzija finanzjarja, inklużi pretensjonijiet li jirriżultaw minn ittri ta' kreditu jew minn strumenti simili f'rabta ma' kwalunkwe kuntratt jew transazzjoni li t-twettiq tagħhom kien ġie affettwat, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, minħabba miżuri koperti minn din id-Deċiżjoni, m'għandha tiġi konċessa lill-persuni jew l-entitajiet indikati elenkati fl-Annessi I u II, jew lil kwalunkwe persuna jew entità oħra fis-Sirja, inkluż il-Gvern tas-Sirja, il-korpi, il-korporazzjonijiet u l-aġenziji pubbliċi tiegħu, jew lil kwalunkwe persuna jew entità li tressaq pretensjoni permezz ta' jew għall-benefiċċju ta' kwalunkwe tali persuna jew entità.

Artikolu 30

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta minn Stat Membru jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jistabbilixxi u jemenda l-listi fl-Annessi I u II.

▼M14

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu dwar l-elenkar, inkluż ir-raġunijiet għalih, lill-persuna, entità jew korp konċernati, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, fejn jagħti lil tali persuna, entità jew korp l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet. B'mod partikolari, fejn persuna, entità jew korp huma elenkati fl-Anness I fuq il-bażi li jaqgħu f'waħda mill-kategoriji ta' persuni, entitajiet jew korpi stipulati fl-Artikoli 27(2) u 28(2), il-persuna, l-entità jew il-korp jistgħu jippreżentaw prova u osservazzjonijiet dwar ir-raġuni għalfejn hija tikkunsidra li l-elenkar tagħhom mhux ġustifikat, minkejja li jaqgħu taħt tali kategorija.

▼B

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew fejn tiġi ppreżentata evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna jew l-entità kkonċernata kif meħtieġ.

Artikolu 31

1. L-Annessi I u II għandhom jinkludu r-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati.

2. L-Annessi I u II għandhom jinkludu wkoll, fejn disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu identifikati l-persuni jew l-entitajiet ikkonċernati. Fir-rigward tal-persuni, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, inklużi l-psewdonimi, id-data u l-post ta' twelid, iċ-ċittadinanza, in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-entitajiet, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju.

Artikolu 32

Għandu jiġi pprojbit il-parteċipazzjoni, bil-ħsieb jew intenzjonata, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jaqbeż il-projbizzjonijiet imniżżla f'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 33

Sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni, l-Unjoni għandha tħeġġeġ lil Stati terzi biex jadottaw miżuri restrittivi simili għal dawk imniżżla f'din id-Deċiżjoni.

▼M16

Artikolu 34

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-1 ta' Ġunju 2017. Hija għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Tista' tiġġedded, jew tiġi emendata kif adatt, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.

▼B

Artikolu 35

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼B

ANNESS I

Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikoli 27 u 28

A. **Persuni**

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Bashar (بشـــار) Al-Assad (الأســد)	Data tat-twelid: 11 ta' Settembru 1965; Post tat-twelid: Damasku: Passaport diplomatiku Nru D1903	President tar-Repubblika; ordna u mexxa r-repressjoni kontra l-manifestanti.	23.5.2011
▼M17 2.	Maher (ماهر) (magħruf ukoll bħala Mahir) Al-Assad (الأسد)	Data tat-twelid: 8 ta' Diċembru 1967 Post tat-twelid: Damasku Passaport diplomatiku Nru 4138 Maġġur Ġeneral tat-42 Brigata u eks-Kmandant Brigadier tar-Raba' Diviżjoni Armata tal-Armata	Membru tal-Forzi Armati Sirjani fil-grad ta' "Kurunell" u f'kariga ekwivalenti jew ogħla wara Mejju 2011; Maġġur Ġeneral tat-42 Brigata u eks-Kmandant Brigadier tar-Raba' Diviżjoni Armata tal-Armata. Membru tal-familja Assad; ħu l-President Bashar Al-Assad.	9.5.2011
▼M12 3.	Ali (علـي) Mamluk (مملوك) (magħruf ukoll bħala Mamlouk)	Data tat-twelid: 19 ta' Frar 1946; Post tat-twelid: Damasku; Passaport diplomatiku Nru 983	Kap tal-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali. Eks Kap tad-Direttorat tal-Intelligence Sirjana (GID) involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti.	9.5.2011
▼M17 4.	Atej (عاطف) (magħruf ukoll bħala Atef, Atif) Najib (نجيب) (magħruf ukoll bħala Najeeb)	Post tat-twelid: Jablah, is-Sirja	Eks-Kap tad-Direttorat tas-Sigurtà Politika f'Dara'a. Involut fi vjolenza kontra d-dimostranti. Membru tal-familja Assad; kuġin tal-President Bashar Al-Assad.	9.5.2011
5.	Hafiz (حافظ) Makhlouf (مخلوف) (magħruf ukoll bħala Hafez Makhlouf)	Data tat-twelid: 2 ta' April 1971 Post tat-twelid: Damasku Passaport diplomatiku Nru 2246	Eks-Kurunell u Kap ta' Unità fid-Direttorat tal-Intelligence Ġenerali, il-Fergħa ta' Damasku, fil-kariga wara Mejju 2011. Membru tal-familja Makhlouf; Kuġin tal-President Bashar Al-Assad.	9.5.2011
▼M12 6.	Muhammad (محمد) Dib (ديب) Zaytun (زيتون) (magħruf ukoll bħala Mohammed Dib Zeitoun; magħruf ukoll bħala Mohamed Dib Zeitun)	Data tat-twelid: 20 ta' Mejju 1951; Post tat-twelid: Damasku; Passaport diplomatiku Nru D000001300	Kap tad-Direttorat tas-Sigurtà Ġenerali; involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti.	9.5.2011
▼B 7.	Amjad (جدأم) Al-Abbas (العبـــاس)		Kap tas-Sigurtà Politika f'Banyas, involut fil-vjolenza kontra d-dimostranti f'Baida.	9.5.2011

▼B

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M16				
8.	Rami (رامي) Makhlouf (مخلوف)	Data tat-twelid: 10 ta' Lulju 1969; Post tat-twelid: Damasku; Passaport Nru 454224	Negozjant prominenti li jopera fis-Sirja b'interessi fis-setturi tat-telekomunikazzjoni, is-servizzi finanzjarji, it-trasport u l-proprjetà; għandu interess finanzjarju u/jew għandu karigi għoljin u eżekuttivi fis-Syriatel, l-ikbar operatur tat-telefon ċellulari fis-Sirja, il-fondi ta' investiment Al Mashreq, Bena Properties u Cham Holding. Huwa jipprovdi finanzjament u appoġġ lir-reġim Sirjan, permezz tal-interessi kummerċjali tiegħu. Huwa membru influwenti ta' tal-familja Makhlouf u hu marbut mill-qrib mal-familja Assad; kuġin tal-President Bashar Al-Assad;	9.5.2011
▼B				
9.	Abd Al-Fatah (عبد الفتاح) Qudsiyah (قدسية)	Data tat-twelid: Twieled fl-1953; Post tat-twelid: Hama; Passaport diplomatiku Nru D0005788	Kap tal-Intelligence Militari Sirjana (SMI); involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili.	9.5.2011
▼M17				
10.	Jamil (جميل) (magħruf ukoll bħala Jameel) Hassan (حسن) (magħruf ukoll bħala al-Hassan)	Twieled: 1953 Post tat-twelid: Homs, Sirja Kap tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana	Uffiċjal fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-Forza tal-Ajru Sirjana fil-kariga wara Mejju 2011. Kap tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana fil-kariga wara Mejju 2011. Responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	9.5.2011
▼M12				
___				
▼M13				
___				
▼B				
13.	Munzir (منذر) Al-Assad (الأسد)	Data tat-twelid: 1 ta' Marzu 1961; Post tat-twelid: Lattakia; Passaporti Nru 86449 u 842781	Involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili bħala parti mill-milizzja ta' Shabiha.	9.5.2011
▼M3				
___				
▼M17				
___				
▼M12				
16.	Faruq (فاروق) (magħruf ukoll bħala Farouq, Farouk) Al Shar' (الشرع) (magħruf ukoll bħala Al Char', Al Shara', Al Shara)	Data tat-twelid: 10 ta' Diċembru 1938	Eks Viċi President tas-Sirja; involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili	23.5.2011

▼B

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M16 —				
18.	Mohammed (محمد) Hamcho (حمشو)	Data tat-twelid: 20 ta' Mejju 1966 Nru tal-Passaport 002954347	Negozjant prominenti li jopera fis-Sirja, b'interessi fis-setturi tal-inġinerija u l-bini, il-mezzi tax-xandir, l-ospitalità u s-saħħa. Għandu interess finanzjarju u/jew għandu karigi għoljin u eżekuttivi f'għadd ta' kumpaniji fis-Sirja, b'mod partikolari Hamsho International, Hamsho Communication, Mhg International, Jupiter for Investment and Tourism project u Syria Metal industries. Jaqdi rwol importanti fil-komunità kummerċjali fis-Sirja bħala segretarju ġenerali tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Damasku (maħtur mill-Ministru ta' dakinhar għall-Ekonomija, Khodr Orfali, f'Diċembru 2014), president tal-Kunsilli ta' Negozju Bilaterali bejn iċ-Ċina u s-Sirja (sa minn Marzu 2014) u president tal-Kunsill Sirjan tal-Metall u tal-Azzar (sa minn Diċembru 2015). Għandu relazzjonijiet ta' negozju mill-qrib ma' figuri ewlenin tar-reġim Sirjan, inkluż Maher Al-Assad. Mohammed Hamcho jgawdi mir-reġim Sirjan u jagħtih appoġġ permezz tal-interessi kummerċjali tiegħu, u huwa assoċjat ma' persuni li jgawdu mir-reġim u jappoġġawh.	27.1.2015
▼B				
19.	Iyad (إياد) (magħruf ukoll bħala Eyad) Makhlouf (مخلوف)	Data tat-twelid: 21 ta' Jannar 1973; Post tat-twelid: Damasku; Passaport Nru N001820740	Ħu Rami Makhlouf u Uffiċjal tal-GID involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.5.2011
20.	Bassam (بسام) Al Hassan (الحسن) (magħruf ukoll bħala Al Hasan)		Konsulent Presidenzjali għall-Affarijiet Strateġiċi; involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.5.2011
21.	Dawud Rajiha		Kap tal-Persunal tal-Forzi Armati responsabbli għall-involviment militari fil-vjolenza kontra d-dimostranti paċifiċi. Miet waqt il-bumbardament tat-18 ta' Lulju 2012.	23.5.2011
▼M16				
22.	Ihab (إيهاب) (magħruf ukoll bħala Ehab, Iehab) Makhlouf (مخلوف)	Data tat-twelid: 21 ta' Jannar 1973; Post tat-twelid: Damasku; Passaport Nru N002848852	Negozjant prominenti li jopera fis-Sirja. Ihab Makhlouf huwa l-Viċi President, u azzjonist tas-Syriatel, l-ikbar operatur tat-telefon ċellulari fis-Sirja. Għandu wkoll interessi kummerċjali f'bosta kumpaniji	23.5.2011

▼M16

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			u entitajiet Sirjani oħrajn, inkluż Ramak Construction Co u Syrian International Private University for Science and Technology (SIUST). Bħala Viċi President tas-Syriatel, li tagħti parti sinifikanti mill-profitti tagħha lill-gvern Sirjan permezz tal-kuntratt tagħha ta' għoti ta' liċenzja, Ihab Makhlouf qiegħed wkoll direttament jappoġġa lir-reġim Sirjan. Huwa membru influwenti tal-familja Makhlouf u hu marbut mill-qrib mal-familja Assad; kuġin tal-President Bashar Al-Assad.	

▼B

23.	Zoulhima (ذوالهمة) (magħruf ukoll bħala Zu al-Himma) Chaliche (شـــاليش) (magħruf ukoll bħala, Shalish, Shaleesh) (magħruf ukoll bħala Dhu al-Himma Shalish)	Data tat-twelid: 1951 jew 1946 jew 1956; Post tat-twelid: Kerdaha	Kap tal-protezzjoni presidenzjali; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti; prim kuġin tal-President Bachar Al-Assad.	23.6.2011
24.	Riyad (ريـاض) Chaliche (شـــاليش) (magħruf ukoll bħala Shalish, Shaleesh) (magħruf ukoll bħala Riyad Shalish)		Direttur tal-Military Housing Establishment; sors ta' finanzjament għar-reġim; prim kuġin tal-President Bachar Al-Assad.	23.6.2011
25.	Kmandant Brigadier Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed) Ali (علـي) Jafari (جعفـــري) (magħruf ukoll bħala Jaafari, Ja'fari, Aziz; magħruf ukoll bħala Jafari, Ali; magħruf ukoll bħala Jafari, Mohammad Ali; magħruf ukoll bħala Ja'fari, Mohammad Ali; magħruf ukoll bħala Jafari-Naja-fabadi, Mohammad Ali)	Data tat-twelid: 1 ta' Settembru 1957; Post tat-twelid: Yazd, Iran	Kmandant Ġenerali tar-Revolutionary Guard Corps Iranjan involut fil-forniment tat-tagħmir u l-appoġġ biex jgħin lir-reġim tas-Sirja jrażżan il-protesti fis-Sirja.	23.6.2011
26.	Ġeneral Maġġur Qasem (قاسـم) Soleimani (ســـليماني) (magħruf ukoll bħala Qasim Soleimany)		Kmandant tal-Revolutionary Guard Corps Iranjan - IRGC Qods involut fil-forniment tat-tagħmir u l-appoġġ biex jgħin lir-reġim tas-Sirja jrażżan il-protesti fis-Sirja.	23.6.2011
27.	Hossein Taeb (magħruf ukoll bħala Taeb, Hassan; magħruf ukoll bħala Taeb, Hosein; magħruf ukoll bħala Taeb, Hossein; magħruf ukoll bħala Taeb, Hussayn; magħruf ukoll bħala Hojjatoleslam Hossein Ta'eb)	Twieled fl-1963; Post tat-twelid: Teheran, Iran	Viċi Kmandant għall-Intelligence tal-Revolutionary Guard Corps Iranjan involut fil-forniment tat-tagħmir u l-appoġġ biex jgħin lir-reġim tas-Sirja jrażżan il-protesti fis-Sirja.	23.6.2011

▼B

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M16				
28.	Khalid (خالد) (magħruf ukoll bħala Khaled) Qaddur (قدور) (magħruf ukoll bħala Qadour, Qaddour, Kaddour)		Negozjant prominenti li jopera fis-Sirja, b'interessi u/jew attivitajiet fis-setturi tat-telekomunikazzjoni, iż-żejt u l-industrija tal-plastik u relazzjonijiet ta' negozju mill-qrib ma' Maher Al-Assad. Huwa jgawdi mir-reġim Sirjan u jagħtih appoġġ, permezz tal-interessi kummerċjali tiegħu. Soċju ta' Maher Al-Assad, inkluż permezz tal-attivitajiet tiegħu ta' negozju.	27.1.2015
29.	Ra'if (رئيف) Al-Quwatly (القوتلي) (magħruf ukoll bħala Ri'af Al-Quwatli magħruf ukoll bħala Raeef Al-Kouatly)	Data tat-twelid: 3 ta' Frar 1967; Post tat-twelid: Damasku	Soċju fin-negozju ta' Maher Al-Assad u responsabbli għall-amministrazzjoni ta' xi whud mill-interessi tiegħu fin-negozju; sors ta' finanzjament għar-reġim.	23.6.2011
▼B				
30.	Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Muhammad, Mohamed, Mohammed) Mufleh (مفلح) (magħruf ukoll bħala Muflih)		Kap tal-Intelligence Militari Sirjana tal-belt ta' Hama, involut fir-repressjoni kontra l-manifestanti.	1.8.2011
31.	Ġeneral Maġġur Tawfiq (توفيق) (magħruf ukoll bħala Tawfik) Younes (يونس) (magħruf ukoll bħala Yunes)		Kap tad-Dipartiment għas-Sigurtà Interna tad-Direttorat tal-Intelligence Ġenerali; involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili.	1.8.2011
▼M16				
32.	Is-Sur Mohammed (محمد) Makhlouf (مخلوف) (magħruf ukoll bħala Abu Rami)	Data tat-twelid: 19 ta' Ottubru 1932; Post tat-twelid: Latakia, Sirja	Membru influwenti tal-familja Makhlouf, soċju fin-negozju u missier Rami, Ihab u Iyad Makhlouf. Assoċjat mill-qrib mal-familja Assad u z-ziju ta' Bashar u Mahir al-Assad minnaħa ta' ommhom. Imsejjaħ ukoll Abu Rami. Negozjant prominenti li jopera fis-Sirja, b'interessi u/jew attivitajiet f'bosta setturi tal-ekonomija tas-Sirja, inklużi interessi fi u/jew influwenza sinifikanti fil-General Organisation of Tobacco u s-settur taż-żejt u l-gass, tal-armi u dak bankarju. Involut fi ftehim kummerċjali għar-reġim ta' Assad fl-akkwist tal-armi u fil-banek. Minħabba l-firxa tar-rabtiet kummerċjali u politiċi tiegħu mar-reġim huwa jagħti appoġġ lir-reġim Sirjan u jgawdi minnu.	1.8.2011

▼M16

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
33.	Ayman (أيمن) Jabir (جابر) (magħruf ukoll bħala Aiman Jaber)	Post tat-twelid: Latakia	Negozjant prominenti li jopera fis-Sirja, involut fis-setturi tal-azzar, tal-mezzi tax-xandir, tal-oġġetti ta' konsum u taż-żejt, inkluż fil-kummerċ f'dawn il-prodotti. Għandu interess finanzjarju u/jew karigi eżekuttivi għoljin f'għadd ta' kumpaniji u entitajiet fis-Sirja, b'mod partikolari l-Al Jazira (magħruf ukoll bħala Al Jazerra; El Jazireh), Dunia TV, u Sama Satellite Channel. Permezz tal-kumpanija tiegħu Al Jazira, Ayman Jaber iffaċilita l-importazzjoni taż-żejt minn Overseas Petroleum Trading għas-Sirja. Ayman Jaber igawdi mir-reġim u jagħtih appoġġ, permezz tal-interessi kummerċjali tiegħu. Jipprovdi appoġġ dirett u jaqdi rwol ewlieni f'attivitajiet ta' milizzji affiljati mar-reġim magħrufa bħala x-Shabiha u/jew Suqur as-Sahraa. Soċju ta' Rami Makhlouf permezz tal-attivitajiet tan-negozju tiegħu u soċju ta' Maher Al-Assad permezz tar-rwol tiegħu f'milizzji affiljati mar-reġim.	27.1.2015

▼B

34.	Hayel (هايل) Al-Assad (الأسد)		Assistent ta' Maher Al-Assad, Kap tal-unità tal-pulizija militari tar-raba' diviżjoni tal-armata, involuta fir-repressjoni.	23.8.2011
35.	Ali (علي) Al-Salim (السليم) (magħruf ukoll bħala Al-Saleem)		Direttur tal-uffiċċju tal-provvisti tal-Ministeru Sirjan tad-Difiża, punt ta' dħul għall-armi kollha li jaslu għall-armata Sirjana.	23.8.2011
36.	Nizar Al-Assad (نزار الأسد)	Bashar Al-Assad; preċedentement kap tal-kumpannija "Nizar Oilfield Supplies"	Qrib ħafna ta' uffiċjali ewlenin tal-Gvern. Jiffinanzja lil Shabiha fir-reġjun ta' Latakia.	23.8.2011

▼M12

37.	Brigadier Ġeneral Rafiq (رفيق) (magħruf ukoll bħala Rafeeq) Shahadah (شحادة) (magħruf ukoll bħala Shahada, Shahade, Shahadeh, Chahada, Chahade, Chahadeh, Chahada)		Kap tal-Intelligence Militari Sirjana (SMI) Fergħa 293 (Affarijiet Interni) f'Damasku. Involut direttament fir-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili f'Damasku. Konsulent għall-President Bashar Al-Assad għal kwistjonijiet strateġiċi u ta' intelligence militari.	23.8.2011

▼B

38.	Brigadier Ġeneral Jamea (جامع) Jamea (جامع)(magħruf ukoll bħala Jami Jami, Jame', Jami')		Kap ta' Fergħa għall-Intelligence Militari Sirjana (SMI) f'Dayr az-Zor. Involut direttament fir-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili f' Dayr az-Zor u Alboukamal.	23.8.2011

▼B

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
39.	Hassan Bin-Ali Al-Turkmani	Twieled fl-1935; Post tat-twelid: Aleppo	Deputat Viċi Ministru, eks Ministru tad-Difiża, Mibgħut Speċjali tal-President Bashar Al-Assad. Hu rrappurtat li miet waqt il-bombardament tat-18 ta' Lulju, 2012.	23.8.2011
40.	Muhammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohammad, Muhammad, Mohammed) Said (سـعيد) (magħruf ukoll bħala Sa'id, Sa'eed, Saeed) Bukhaytan (بخيتـان)		Assistent Segretarju Reġjonali tal-Partit Soċjalista Għarbi ta' Ba'ath sa mill-2005. Minn 2000-2005 Direttur għas-sigurtà nazzjonali tal-partit reġjonali ta' Ba'ath. Eks Gvernatur ta' Hama (1998-2000). Soċju mill-qrib tal-President Bashar Al-Assad u Maher Al-Assad. Kien jieħu deċiżjonijiet fir-reġim dwar ir-repressjoni tal-popolazzjoni ċivili.	23.8.2011
▼M16 41.	Ali (علـي) Douba (دوبـا)	Data tat-twelid: 1933 Post tat-twelid: Karfis, is-Sirja	Responsabbli għall-qtil f'Hama fl-1980, ġie msejjaħ lura f'Damasku bħala konsulent speċjali tal-President Bashar Al-Assad.	23.8.2011
▼M12 42.	Brigadier Ġeneral Nawful (نوفـل) (magħruf ukoll bħala Nawfal, Nofal, Nawfel) Al-Husayn (الحسـين) (magħruf ukoll bħala Al-Hussain, Al-Hussein)		Kap tal-Fergħa tal-Intelligence Militari Sirjana (SMI) ta' Idlib. Involut direttament fir-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fil-provinċja ta' Idlib.	23.8.2011
▼B 43.	Brigadier Husam (حسـام) Sukkar (سـكر)		Konsulent Presidenzjali dwar Affarijiet ta' Sigurtà. Konsulent Presidenzjali għar-repressjoni u l-vjolenza tal-aġenziji ta' sigurtà kontra l-popolazzjoni ċivili.	23.8.2011
▼M12 44.	Brigadier Ġeneral Muhammed (محمد) (magħruf ukoll bħala Muhamad) Zamrini (زمريـني) (magħruf ukoll bħala Zamreni)		Kap ta' Fergħa għall-Intelligence Militari Sirjana (SMI) f'Homs. Involut direttament fir-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili f'Homs.	23.8.2011
▼M17 45.	Munir (منير) (magħruf ukoll bħala Mounir, Mouneer, Monir, Moneer, Muneer) Adanov (أدنوف) (magħruf ukoll bħala Adnuf, Adanof)	Twieled: 1951 Post tat-twelid: Homs, Sirja Passaport: 0000092405 Kariga: Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali, Operazzjonijiet u Taħriġ, Armata Sirjana Grad: Logutenent Ġeneral, Armata Għarbija Sirjana	Uffiċjal fil-grad ta' Logutenent Ġeneral u Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali, Operazzjonijiet u Taħriġ għall-Armata Sirjana fil-kariga wara Mejju 2011. Fil-kariga tiegħu bħala Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali kien involut direttament fir-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	23.8.2011

▼B

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
46.	Brigadier Ġeneral Ghassan (غسان) Khalil (خليل) (magħruf ukoll bħala Khaleel)		Kap tal-Fergħa tal-Informazzjoni tad-Direttorat tal-Intelligence Ġenerali (GID). Involut direttament fir-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	23.8.2011
47.	Mohammed (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohammad, Muhammad, Mohamed) Jabir (جابر) (magħruf ukoll bħala Jaber)	Post tat-twelid: Lattakia;	Il-milizzja ta' Shabiha. Soċju ta' Maher Al-Assad għall-milizzja ta' Shabiha. Involut direttament fir-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili u fil-koordinazzjoni tal-gruppi tal-milizzja ta' Shabiha.	23.8.2011
48.	Samir (سمير) Hassan (حسن)		Negozjant prominenti li jopera fis-Sirja, b'interessi u/jew attivitajiet f'bosta setturi tal-ekonomija tas-Sirja. Għandu interessi fi u/jew għandu influwenza sinifikanti fl-Amir Group u Cham Holdings, żewġ konglomerati b'interessi fis-setturi tal-proprjetà, it-turiżmu, it-trasport u l-finanzi. Sa minn Marzu 2014, huwa okkupa l-kariga ta' President għar-Russja tal-Kunsilli ta' Negozju Bilaterali wara l-ħatra tiegħu mill-Ministru tal-Ekonomija, Khodr Orfali. Samir Hassan jappoġġa l-isforz ta' gwerra tar-reġim permezz ta' donazzjonijiet ta' flus. Samir Hassan huwa assoċjat ma' persuni li jgawdu mir-reġim u jappoġġawh. B'mod partikolari, huwa assoċjat ma' Rami Makhlouf u Issam Anbouba, li ġew identifikati mill-Kunsill u jgawdi mir-reġim Sirjan.	27.9.2014
49.	Fares (فارس) Chehabi (شهابي) (magħruf ukoll bħala Fares Shihabi; Fares Chihabi)	Iben Ahmad Chehabi; Data tat-twelid: 7 ta' Mejju 1972	President tal-Kamra tal-Kummerċ u tal-industrija ta' Aleppo. Viċi President ta' Cham Holding. Jipprovdi appoġġ ekonomiku lir-reġim Sirjan.	2.9.2011
50.	Tarif (طريف) Akhras (الأخرس/أخرس) (magħruf ukoll bħala Al Akhras)	Data tat-twelid: 2 ta' Ġunju 1951; Post tat-twelid: Homs, Sirja; Passaport Sirjan Nru 0000092405	Negozjant prominenti li jibbenefika minn u jappoġġa lir-reġim. Fundatur tal-Akhras Group (prodotti, kummerċ, ipproċessar u loġistika) u ex President tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Homs. Relazzjonijiet ta' negozju mill-qrib mal-familja tal-President Al-Assad. Membru tal-Bord tal-Federazzjoni tal-Kamra tal-Kummerċ Sirjana. Ipprovda appoġġ loġistiku għar-reġim (karozzi tal-linja u tank loaders).	►C1 2.9.2011 ◄

▼M16

▼B

▼M7

▼B

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
51.	Issam (عصام) Anbouba (أنبوبا)	President ta' Anbouba għal Agricultural Industries Co. Twieled fl-1952; Post tat-twelid: Homs, Sirja	Jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-apparat ripressiv u għall-gruppi paramilitari li jużaw il-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Jipprovdi proprjetà (binjiet, imħażen) għal ċentri ta' detenzjoni improvviżati. Għandu relazzjonijiet finanzjarji ma' uffiċjali għoljin Sirjani.	2.9.2011
52.	Mazen (مازن) al-Tabba (الطباع)	Data tat-twelid: 01.01.1958; Post tat-twelid: Damasku; Passaport Sirjan Nru 004415063 li jiskadi fis-06.05.2015	Soċju kummerċjali ta' Ihab Makhlouf u Nizar al-Assad (sar soġġett għal sanzjonijiet fit-23.08.2011); ko-proprjetarju, flimkien ma' Rami Makhlour, tal-kumpanija tal-kambju monetarju Al-Diyar lil-Saraafa (magħrufa wkoll bħala Diar Electronic Services), li tappoġġa l-politika tal-Bank Ċentrali tas-Sirja.	23.3.2012

▼M12

53.	Adib (أديب) Mayaleh (ميالة) (magħruf ukoll bħala André Mayard)	Data tat-twelid: 15 ta' Mejju 1955 Post tat-twelid: Bassir	Adib Mayaleh huwa responsabbli għall-għoti ta' appoġġ ekonomiku u finanzjarju lir-reġim Sirjan permezz tal-funzjoni tiegħu bħala Gvernatur tal-Bank Ċentrali tas-Sirja.	15.5.2012

▼B

54.	Ġeneral Maġġur Jumah (جمعة) Al-Ahmad (الأحمد) (magħruf ukoll bħala Al-Ahmed)		Kmandant tal-Forzi Speċjali. Responsabbli għall-użu ta' vjolenza kontra dimostranti madwar is-Sirja.	14.11.2011

▼M12

55.	Kurunell Lu'ai (لؤي) (magħruf ukoll bħala Louay, Loai) al-Ali (العلي)		Kap tal-Intelligence Militari Sirjana, Fergħa ta' Dara'a. Responsabbli għall-vjolenza kontra d-dimostranti f'Dara'a.	14.11.2011

▼M17

56.	Ali (علي) Abdullah (عبدالله) (magħruf ukoll bħala Abdallah) Ayyub (أيوب) (magħruf ukoll bħala Ayyoub, Ayub, Ayoub, Ayob)	Kariga: Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Armata Għarbija Sirjana u l-Forzi Armati mit-18 ta' Lulju 2012 'l hawn Grad: Ġeneral fl-Armata Għarbija Sirjana	Uffiċjal fil-grad ta' Ġeneral fl-Armata Sirjana fil-kariga wara Mejju 2011. Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati Sirjani. Persuna li tappoġġa r-reġim ta' Assad u responsabbli għar-repressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	14.11.2011
57.	Fahd (فهد) (magħruf ukoll bħala Fahid, Fahed) Jasim (جاسم) (magħruf ukoll bħala Jasem, Jassim, Jassem) al-Furayj (الفريج) (magħruf ukoll bħala Al-Freij)	Data tat-twelid: 1 ta' Jannar 1950 Post tat-twelid: Hama, is-Sirja Grad: Logutenent Ġeneral Karigi: Ministru għad-Difiża, Viċi Kap Kmandant tal-Forzi Armati Sirjani	Uffiċjal fil-grad ta' Ġeneral fl-Armata Sirjana. Viċi Kap Kmandant tal-Forzi Armati Sirjani. Ministeru għad-Difiża. Responsabbli għar-repressjoni u l-użu ta' vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	14.11.2011

▼B

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
58.	General Aous (أوس) (Aws) Aslan (أصلان)	Twieled fl-1958	Kap ta' Battaljun fi ħdan il-Gwardja Repubblikana. Persuna viċin Maher al-Assad u tal-President al-Assad. Involut fir-repressjoni kontra l-popolazzjoni ċivili madwar is-Sirja.	14.11.2011
59.	General Ghassan (غسان) Belal (بلال)		Ġeneral Kmandant tal-uffiċċju riżervat tar-Raba' Diviżjoni. Konsulent ta' Maher al-Assad u koordinatur tal-operazzjonijiet ta' sigurtà. Responsabbli għar-repressjoni tal-popolazzjoni ċivili madwar is-Sirja.	14.11.2011
60.	Abdullah (عبدالله) (magħruf ukoll bħala Abdallah) Berri (بري)		Kap tal-milizzji tal-familja Berri. Responsabbli għall-milizzji progovernattivi involuti fir-repressjoni tal-popolazzjoni ċivili f'Aleppo.	14.11.2011
61.	George (جورج) Chaoui (شاوي)		Membru tal-Armata elettronika Sirjana. Ipparteċipa fir-repressjoni vjolenti u inkoraġġixxa l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili madwar it-territorju Sirjan.	14.11.2011
▼M17 62.	Zuhair (زهير) (magħruf ukoll bħala. Zouheir, Zuheir, Zouhair) Hamad (حمد)	Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja Grad: Maġġur Ġeneral Kariga attwali: Viċi Kap tad-Direttorat tal-Intelligence Ġenerali (magħruf ukoll bħala; Direttorat tas-Sigurtà Ġenerali) minn Lulju 2012	Uffiċjal fil-grad ta' Maġġur Ġeneral fil-Forzi Armati Sirjani fil-kariga wara Mejju 2011. Viċi Kap tad-Direttorat tal-Intelligence Ġenerali. Responsabbli għar-repressjoni, ksur tad-drittijiet tal-bniedem u vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	14.11.2011
▼B 63.	Amar (عمار) (magħruf ukoll bħala Ammar) Ismael (إسماعيل) (magħruf ukoll bħala Ismail)	Twieled madwar it-3 ta' April 1973; post tat-twelid: Damasku	Kap Ċivili tal-Armata elettronika Sirjana (servizz ta' informazzjoni intelligence tal-forza tal-art). Ipparteċipa fir-repressjoni vjolenti u inkoraġġixxa l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili madwar it-territorju Sirjan.	14.11.2011
64.	Mujahed (مجاهد) Ismail (إسماعيل) (magħruf ukoll bħala Ismael)		Membru tal-Armata elettronika Sirjana. Ipparteċipa fir-repressjoni vjolenti u inkoraġġixxa l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili madwar it-territorju Sirjan.	14.11.2011
65.	Ġeneral Maġġur Nazih (نزيه)		Viċi Direttur tad-Direttorat Ġenerali tal-Intelligence. Responsabbli għall-użu ta' vjolenza madwar is-Sirja u mill-intimidazzjoni u t-tortura ta' dimostranti.	14.11.2011
66.	Kifah (كفاح) Moulhem (ملحم) (magħruf ukoll bħala Moulhim, Mulhem, Mulhim)		Kmandant ta' battaljun fi ħdan ir-raba' diviżjoni. Responsabbli għar-repressjoni vjolenti kontra l-popolazzjoni ċivili f'Deir el-Zor.	14.11.2011

▼B

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
67.	Ġeneral Maġġur Wajih (وجيه) (magħruf ukoll bħala Wajeeh) Mahmud (محمود)		Kmandant tat-18-il Diviżjoni Armata. Responsabbli għall-vjolenza kontra d-dimostranti f'Homs.	14.11.2011
68.	Bassam (بسام) Sabbagh (الصباغ,صباغ) (magħruf ukoll bħala Al Sabbagh)	Data tat-twelid: 24 ta' Awwissu 1959; Post tat-twelid: Damasku. Indirizz: Kasaa, Anwar al Attar Street, al Midani building, Damasku: Passaport Sirjan Nru 004326765 maħruġ fit-2 ta' Novembru 2008, validu sa Novembru 2014.	Kunsillier legali u finanzjarju u jiġġestixxi l-affarijiet ta' Rami Makhlouf u ta' Khaldoun Makhlouf. Involut ma' Bashar al-Assad fil-finanzjament ta' proġett ta' bini f'Latakia. Jipprovdi appoġġ finanzjarju lir-reġim.	14.11.2011
69.	Logutenent Ġeneral Talal (طلال) Mustafa (مصطفى) Tlass (طلاس)		Kap Viċi Kap tal-Persunal Ġenerali (Loġistika u Provvisti). Responsabbli għall-użu ta' vjolenza kontra dimostranti madwar is-Sirja.	14.11.2011
70.	Ġeneral Maġġur Fu'ad (فؤاد) Tawil (طويل)		Viċi Kap tal-Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana. Responsabbli għall-użu ta' vjolenza madwar is-Sirja u mill-intimidazzjoni u t-tortura ta' dimostranti.	14.11.2011
▼M17 71.	Bushra (بشرى) Al-Assad (الأسد) (magħruf ukoll bħala Bushra Shawkat, Bouchra Al Assad)	Data tat-twelid: 24.10.1960	Membru tal-familja Assad; oħt Bashar Al-Assad. Minħabba r-relazzjoni personali mill-qrib u r-relazzjoni finanzjarja intrinsika mal-President Sirjan Bashar Al-Assad, hija tibbenefika mir-reġim Sirjan u hija assoċjata miegħu.	23.3.2012
72.	Asma (أسماء) Al-Assad (الأسد) (magħrufa wkoll bħala Asma Fawaz Al Akhras)	Data tat-twelid: 11.8.1975 Post tat-twelid: Londra, ir-Renju Unit Passaport nru 707512830, jiskadi fit-22.9.2020 Kunjom ta' xebba: Al Akhras	Membru tal-familja Assad u marbuta mill-qrib ma' figuri ewlenin tar-reġim; mart il-President Bashar Al-Assad. Minħabba r-relazzjoni personali mill-qrib u r-relazzjoni finanzjarja intrinsika mal-President Sirjan, Bashar Al-Assad, hija tibbenefika mir-reġim Sirjan u hija assoċjata miegħu.	23.3.2012
▼B 73.	Manal (منال) Al-Assad (الأسد) (magħrufa wkoll bħala Manal Al Ahmad)	Data tat-twelid: 02.02.1970; Post tat-twelid: Damasku; Passaport Sirjan Nru: 0000000914; Kunjom tax-xbubija: Al Jadaan	Konjuġi ta' Maher Al-Assad, u b'hekk tibbenefika minn, u assoċjata mill-qrib mar-reġim.	23.3.2012

▼B

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
▼M17 ___				
▼B 75.	Logutenent Ġeneral Fahid (فهد) (magħruf ukoll bħala Fahd) Al-Jassim (الجاسم)		Kap tal-Persunal. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
76.	Ġeneral Maġġur Ibrahim (إبراهيم) Al-Hassan (الحسن) (magħruf ukoll bħala Al-Hasan)		Viċi Kap tal-Persunal. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
77.	Brigadier Khalil (خليل) (magħruf ukoll bħala Khaleel) Zghraybih (زغريبة) (magħruf ukoll bħala Zghraybeh, Zghraybe, Zghrayba, Zghraybah, Zaghraybeh, Zaghraybe, Zaghrayba, Zaghraybah, Zeghraybeh, Zeghraybe, Zeghrayba, Zeghraybah, Zughraybeh, Zughraybe, Zughrayba, Zughraybah, Zighraybeh, Zighraybe, Zighrayba, Zighraybah)		L-14-il Diviżjoni. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
78.	Brigadier Ali (علي) Barakat (بركات)		Il-103 Brigata tad-Diviżjoni tal-Gwardja Repubblikana. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
79.	Brigadier Talal (طلال) Makhluf (مخلوف) (magħruf ukoll bħala Makhlouf)		Il-103 Brigata tad-Diviżjoni tal-Gwardja Repubblikana. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
▼M12 80.	Brigadier Nazih (نزيه) (magħruf ukoll bħala Nazeeh) Hassun (حسون) (magħruf ukoll bħala Hassoun)		Kap tal-Intelligence Militari Sirjana tal-Fergħa tal-Kampanja ta' Damasku/Rif Dimashq, eks Intelligence tal-Forza tal-Ajru Sirjana. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
▼B 81.	Kaptan Maan (معن) (magħruf ukoll bħala Ma'an) Jdiid (جديد) (magħruf ukoll bħala Jdid, Jedid, Jedeed, Jadeed, Jdeed)		Gwardja Presidenzjali. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
82.	Mohammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed) Al-Shaar (الشعار) (magħruf ukoll bħala Al-Chaar, Al-Sha'ar, Al-Cha'ar)		Diviżjoni tas-Sigurtà Politika. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011

▼B

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
83.	Khald (خالد) (magħruf ukoll bħala Khaled) Al-Taweel (الطويل) (magħruf ukoll bħala Al-Tawil)		Diviżjoni tas-Sigurtà Politika. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
84.	Ghiath (غياث) Fayad (فياض) (magħruf ukoll bħala Fayyad)		Diviżjoni tas-Sigurtà Politika. Uffiċjal militari involut fil-vjolenza f'Homs.	1.12.2011
85.	Brigadier Ġeneral Jawdat (جودت) Ibrahim (إبراهيم) Safi (صافي)	Kmandant tal-154 Riġment	Ordna lit-truppi biex jisparaw fuq dimostranti f'Damasku u l-inħawi ta' madwaru, inkluż f'Mo'adamiyeh, Douma, Abasiyeh u Duma.	23.1.2012
86.	Maġġur Ġeneral Muhammad (محمد) (magħruf ukoll bħala Mohammad, Muhammad, Mohammed) Ali (علي) Durgham	Kmandant fir-4 Diviżjoni	Ordna lit-truppi biex jisparaw fuq dimostranti f'Damasku u l-inħawi ta' madwaru, inkluż f'Mo'adamiyeh, Douma, Abasiyeh u Duma.	23.1.2012
87.	Maġġur Ġeneral Ramadan (رمضان) Mahmoud (محمود) Ramadan (رمضان)	Kmandant tal-35 Riġment ta' Forzi Speċjali	Ordna lit-truppi biex jisparaw fuq dimostranti f'Baniyas u Deraa.	23.1.2012
88.	Brigadier Ġeneral Ahmed (أحمد) (magħruf ukoll bħala Ahmad) Yousef (يوسف) (magħruf ukoll bħala Youssef) Jarad (جراد) (magħruf ukoll bħala Jarrad)	Kmandant tal-132 Brigata	Ordna lit-truppi biex jisparaw fuq dimostranti f'Deraa, inkluż bl-użu ta' mitraljatriċi u kanuni ta' kontra l-ajruplani.	23.1.2012
